**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 75/2015**

**Capiferri Limited (C- 30648)**

**vs**

**White Sails Limited (C-25908)**

**Illum, 4 t' April, 2016**

Il-Bord;

Ra r-rikors tas-socjeta'rikorrenti li jghid hekk;

IlIi l-esponenti kriet lis-socjeta intimati l-fondi kummercjali numri 121, 122, 123, 124 u 125 Ix-Xatt ta' Ta' Xbiex, Ta' Xbiex skond skrittura datata 16 ta' Marzu 2013, kopja **Dok A**.

IlIi l-kirja kienet b'effett mis-16 ta' Marzu 2013 ghal perjodu ta' hames snin bil-kera ta' €10,500.00 fis-sena, apparti il-VAT, jithallas kull xahar bil-quddiem u b'zieda' ta' 5% fis-sena fuq l-ammont precedenti.

IIli s-socjeta intimata ghandha thallas is-somma ta' €21,239.50 bhala bilanc ta’ arretrati ta’ kera u VAT fuq il-perjodu b’effett mis-16 ta’ Marzu 2013 sal-15 ta’ Frar 2015 u s-somma ohra bhala arretrati ta’ kera b’effett mis-16 ta’ Frar 2015 sal-15 ta’ Awissu 2015.

Illi s-socjeta intimata giet interpellata thallas l-arretrati sal-15 ta’ Frar 2015 bl-ittra ufficjali, a’ tenur tal-Artiklu 166A Kap 12, numru 18/2015 ipprezentata fit-22 ta’ Jannar 2015 izda baqghet ma hallset xejn mill-ammont dovut u giet depozitata biss is-somma ta' €2,309.67 minn Lombard Bank Malta Ltd wara l-hrug ta’ mandat ta’ sekwestru ezekuttiv kif jidher mill-kopja tac-cedola numru 790/15 kopja **Dok B** u ma jirrizultax li s-socjeta intimati tippossjedi xi assi ohrajn biex taghmel tajjeb ghad-dejn taghha mall-esponenti.

Illi ghaldaqstant is-socjeta intimata kisret ripetutament l-obbligu taghha li thallas il-kera fid-data meta dina kienet dovuta u ghalhekk il-kirja ghandha tigi xolta u terminata a’ tenur tal-klawzola numru 16 tal-iskrittura fuq imsemmija Dok A.

Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett kollu illi dan il-Bord:

1. jiddikjara illi l-kirja hija xolta u terminata a’ tenur tal-Klawzola 16 tal-iskrittura Dok A minhabba l-ksur tal-obbligu tal-hlas ta’ kera fid-data miftehma;

2. jikkundanna lis-socjeta intimata tizgombra fi zmien qasir u perentorju mill-fondi 121, 122, 123, 124 u 125 Ix-Xatt ta’ Ta’ Xbiex ta’ Xbiex u tnehhi dak kollu li huwa hwejjigha.

Bl-ispejjes, u b'riserva ghal kwalunkwe azzjoni ohra spettanti lill-esponenti.

Ra illi s-socjeta' intimata kienet debitament notifikata bir-rikors promutur fil-11 ta' Settembru 2015.

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Sema' l-provi;

Ikkunsidra:

Illi minkejja li fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2015 is-socjeta' intimata kienet rapprezentata u inghatat terminu t'ghoxrin jum sabiex tipprezenta r-risposta taghha, is-socjeta' intimata baqghet ma pprezentat l-ebda risposta u ghalhekk hija kontumaci.

Illi fis-seduta tat-22 ta' Frar 2016 ir-rapprezentant tas-socjeta' rikorrenti kkonferma fix-xhieda tieghu li s-socjeta' intimata baqghet inadempjenti fl-obbligi taghha. U s-socjeta' rikorrenti ghalqet il-provi taghha.

Illi fis-seduta tal-lum 04 t'April 2016, is-socjeta' intimata baqghet ma dehritx u s-socjeta' rikorrenti talbet li tinghata sentenza stante li s-socjeta' intimata baqghet kontumaci.

Ghaldaqstant, il-Bord qed jilqa' t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti. Ghall-fini ta' zgumbrament jipprefiggi terminu ta' tletin (30) jum mil-lum. Spejjez a karigu tas-socjeta' intimata.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur